# DAWRA MAL-KNISJA – IX-XOGĦOL TAL-MOŻAJK

*Kitba ta' T. J. Farrugia*

Fost l-isbaħ xogħolijiet tal-arti li hemm isebbħu t-tempju tal-parroċċa tagħna, bla dubju ta' xejn hemm ix-xogħol tal-możajk. Dan kien ġie inawgurat nhar id-9 ta' Ġunju 1957, fi żmien il-mibki Kappillan, Patri Feliċjan Bilocca. Din il-biċċa xogħol hekk artistika kienet saret mill-ġbir tal-poplu ġeneruż tagħna, li ma kienetx xi somma żgħira għan-nefqa ta' możajk uniku, skultura u deheb.

Fl-arzella, hemm rappreżentata fil-możajk lis-SSma. Trinità tinkuruna lill-Madonna, meqjuma minn San Franġisk ta' Assisi, fuq ix-xellug ta' min iħares u minn San Lawrenz minn Brindisi, in-naħa l-oħra. Dan huwa xogħol mill-isbaħ, li ma tistax ma tarahx inti u dieħel il-knisja. Fis-saqaf, bejn l-arzella u l-korsija tal-knisja, hemm żewġ kwadri: ħdejn l-arzella, hemm rappreżentata l-opra ta' l-Iben il-Fidwa, deskritta fl-iskrittura fl-istrumenti kollha tal-Passjoni li Huwa feda lilna l-bnedmin. Qrib il-korsija, hemm rappreżentata l-opra tal-Ispirtu s-Santu, is-santifikazzjoni ta' ruħna, simboleġġjata fis-seba' doni, raffigurata f'seba' fjammi ħerġin mill-Ispirtu s-Santu, u li huma rappreżentati fis-seba' sagramenti, li niżlin f'seba' ruxxelli żgħar neżlin mill-Muntanja Sijon.

F'erbgħa twieqi tal-kor hemm imbagħad rappreżentati erba' prerogattivi ewlenin ta' Alla l-Missier:– IL-QDUSIJA fit-tieqa tax-xellug, ħdejn l-arzella, simboleġġjata f'Anġlu b'idejh marbuta u jħares 'il fuq f'estasi ta' għaqda intima, li hi l-qofol tal-vera qdusija. L-OMNIPOTENZA, fit-tieqa pariġġa, simboleġġata fil-ħolqien tad-dinja bix-xemx u l-qamar u l-kwiekeb, figura tal-ħolqien kollu tas-sema u ta' l-art. IX-XJENZA, fit-tieqa l-oħra tax-xellug, simboeġġjata fi ktieb miftuħ bi fjamma f'nofsu, għaliex ix-xjenza ta' Alla mhix tagħlim biss għall-moħħ, imma f'nar u mixgħela tal-qalb u tal-volontà, li tkun trid twettaq dak li l-moħħ ikun jaf. IL-PROVVIDENZA, fit-tieqa pariġġa, simboleġġjata fl-għalf u fil-ħarsien tal-ħamiem ta' l-ajru, għaliex il-Ħanin Alla jieħu ħsieb anki l-għasafar ta' l-ajru aħseb u ara tagħna l-bnedmin.

Ma dawn is-seba' kwadri tal-możajk, hemm imbagħad ħamsa oħra: l-erba' Evanġelisti, li qegħdin f'dawk l-erba' angoli taħt is-saqaf tal-korsija: SAN ĠWANN u SAN MATTEW, fuq l-artal Maġġur, u SAN MARK u SAN LUQA li qegħdin fuq l-orgni n-naħa ta' wara. Fuq l-orgni preċiż, hemm imbagħad DAVID IDOQQ L-ARPA, dak il-profeta u kantatur, li ma kienx jieqaf ifaħħar lil Alla l-Imbierek. B'kollox hemm 24 biċċa xogħol minn dan il-możajk.

Dan ix-xogħol tal-możajk sar fl-Iskola tal-Możajk fil-Belt tal-Vatikan, ġewwa Ruma, u ġie mqiegħed f'postu fil-knisja tagħna minn Signor Giovanni Secchi, li ġie apposta mill-istess Skola.

Barra li sar dan ix-xogħol tal-możajk fil-knisja tagħna, fl-istess data ġie imżanżan ukoll ix-xogħol'l isfel miċ–ċinta tas-saqaf. Iż-żewġ pilastri li kien hemm ħdejn it-titular tbiddlu għal kollox. Kif kienu qabel, ma kien jista' jsir xejn fihom, billi kienu imħaffra 'il ġewwa. Hawn ukoll tbidlet id-dehra tal-faċċata mat-titular. F'kull pilastru sar xogħol artisktiku, hemm mazzettun ta' ward u taħt il-ward hemm puttin (jew anġlu żgħir) iżomm kurduni indurati maħruġa miċ-ċelu li hemm fuq it-titular. Taħt hemm ukoll żewġ statwi



kbar tal-Papiet. Dak tax-xellug huwa tal-Qaddis Papa Piju X, li kien hu li għamel il-Knisja tagħna Parroċċa; l-ieħor tal-lemin tal-Qaddis Papa Damasu I, li kien hu li għamel l-ewwel definizzjonijiet fuq it-Trinità Imqaddsa. B'hekk naraw li l-figuri kollha li saru fil-kor, għandhom x'jaqsmu mat-titular, ħalli kollox ikun armonija waħda. Dawn l-istatwi l-kbar kienu saru mill-iskultur magħruf, illum mejjet, Marco Montebello ta' Raħal Ġdid.

Xogħol ieħor konness ma' dak tal-możajk, kien ukoll l-iskultura li saret madwar ix-xogħol tal-możajk. Din l-iskultura fina saret minn Marsi bħalna, mis-Sur John Sammut. Fuq dan ix-xogħol kollu hemm iċ–ċelu (jew tinda żgħira) fuq it-titular. Dan iċ-ċelu sar biex jgħaqqad ix-xogħol kollu li hemm fil-kor. Iċ–ċelu maħdum mill-isbaħ, kien sar ukoll minn wieħed mill-Marsa, magħruf bħal dak ta' qablu għax-xogħolijiet artistiċi. Dan huwa l-Imgħallem Duminku Azzopardi, dak li fl-1955 kien għamel l-istatwa tat-Trinità tal-kartapesta li għadha tintrama fil-jiem tal-festa f'Misraħ Gian Franġisk Abela.

Ix-xogħol ta' tqiegħed tal-istatwi li semmejna, sar minn parruċċan ieħor, l-Imgħallem Salvu Calleja. Ix-xogħol kollu ġie msebbaħ ħafna b'induratura esegwita tajjeb ħafna mid-ditta Coleiro ta' Triq San Kristofru l-Belt.

Kulħadd kien ta sehmu għal din il-biċċa xogħol hekk artistika, li dak iż-żmien kienet tiswa' tlett elef lira. Is-somma kienet inġabret fi żmien qasir ferm. Kienu taw sehemhom ħafna ix-xebbiet tal-azzjoni Kattolika u għadd ta' benefattur li impossibli li nsemmuhom kollha. Fuq kollox dan ix-xogħol kien ħabrek bis-sħiħ għalih il-kappillan Feliċjan u miegħu il-patrijiet tal-komunità. Aktar tard Patri Feliċjan kien żied diversi xogħolijiet artisitiċi fil-knisja parrokkjali tagħna.